MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 67/2006

**Talba Nru: 67/2006VGD**

F Advertising Limited

Vs

Mary Grace Bondin.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1032.50c) rapprezentanti ammont

inkluz taxxa tal-VAT, ghal servizzi ta’ reklamar debitament rezi fuq inkariku tal-konvenuta ai termini ta’ skrittura privata ffirmata mill-konvenuta, datata 22 ta’ Settembru 2005, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Dicembru 2005 u l-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf u tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1032.50c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------